Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

**STQARRIJA** **5 ta' April 2021**

**Il-forka se tkun il-protagonista tat-tieni webinar fis-sensiela "Malta Oskura"**

Ġrajjiet tal-biża' li seħħew tassew matul l-istorja twila tat-tgħalliq bil-forka f'Malta se jiġu rakkontati fit-tieni webinar organizzat minn Heritage Malta fis-sensiela "Malta Oskura".

Wara s-suċċess tal-ewwel webinar f'din is-sensiela, li kien jittratta l-Imdina u r-Rabat, ġie deċiż li t-tieni webinar, bit-titlu "Malta Oskura: Il-Forka", jixxandar f'żewġ dati differenti – it-Tlieta 13 u l-Ħamis 15 ta' April, fit-8.30pm. Ir-riċerka estensiva li saret bi tħejjija għal dan il-webinar se tiżgura esperjenza awdjoviżiva unika għall-parteċipanti.

Vjaġġ virtwali fl-ewwel parti tal-webinar se jieħu lill-parteċipanti lura fiż-żmien sal-ewwel każijiet ta' tgħalliq li nafu bihom, jakkumpanjahom tul is-sekli sal-aħħar darba li ntużat il-forka fl-1943, u jirrakkontalhom l-istejjer makabri li seħħew f'postijiet pubbliċi u, aktar tard, fil-privatezza tal-ħabs ta' Kordin. Filmati rari tal-forka antika li għadek issib f'kamra li kienet inbniet apposta f'dan il-ħabs se jkunu inklużi f'dan il-vjaġġ virtwali.

Filwaqt li jidħol fid-dettall ta' ġrajjiet li jixhdu l-mod kif il-kunċett tal-kastig evolva matul iż-żmien, il-vjaġġ idawwar lill-parteċipanti ma' diversi postijiet fejn kien isir it-tagħlliq pubbliku u jiddeskrivi kemm il-proċess sħiħ li l-forka kienet tinvolvi kif ukoll it-tortura u l-umiljazzjoni pubblika li t-tgħalliq ġieli inkluda.

Uħud mill-istejjer li se jiġu rakkontati jixħtu dawl fuq il-bojja nnifsu, filwaqt li oħrajn huma l-ġrajjiet kommoventi ta' nies li baqgħu jisħqu fuq l-innoċenza tagħhom sal-aħħar nifs li ħadu fuq il-forka.

Il-vjaġġ virtwali jieħu madwar nofs siegħa u se jkun bil-Malti, b'sottotitli bl-Ingliż. Warajh issir sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet. Dawk li jixtiequ jieħdu sehem fil-webinar huma mitluba jirreġistraw minn qabel hawnhekk:
13 ta' April - https://zoom.us/webinar/register/WN_m2MjmN1yRp2F3n8ptJgiIg
15 ta' April - https://zoom.us/webinar/register/WN_38lni79hQM2VjFpFUvjulw